31995R2625

11.11.1995 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 269/3

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2625/95

tal-10 ta' Novembru 1995

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1591/95 billi jżid miegħu ċerti regoli għall-kontroll tas-sistemi tar-rifużjoni ta' l-esportazzjoni tal-glucose u l-ġulepp li huma użati f' ċerti prodotti pproċessati mill-frott u mill-ħaxix

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jwaqqaf il-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 426/86 ta' l-24 ta' Frar 1986 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-prodotti pproċessati mill-frott u mill-ħaxix [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2314/95 [2], u l-aktar l-Artikoli 13(8), 14 (5) and 14 (7),

Billi r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1591/95 tat-30 ta' Ġunju 1995 jipprovdi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-rifużjoni ta' l-esportazzjoni tal-*glucose* u l-ġulepp li huma użati f' ċerti prodotti pproċessati mill-frott u mill-ħaxix [3] jipprovdi għal rifużjoni għall-*glucose* u l-ġulepp użati f' ċerti prodotti pproċessati mill-frott u mill-ħaxix;

Billi, skond ir-Regolament (KEE) Nru 426/86, l-Istati Membri għandhom jeżaminaw il-korrettezza tad-dikjarazzjonijiet li jindikaw l-kwantità ta' zokkor użat fil-proċess ta' manifattura; billi mill-anqas 5 % tad-dikjarazzjonijiet għandhom ikunu kkontrollati sabiex ikun żgurat li s-sistema taħdem kif suppost;

Billi l-miżuri pprovduti f' dan ir-Regolament jaqblu ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Prodotti Pproċessati mill-Frott u mill-Ħxejjex,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fir-Regolament (KE) Nru 1591/95,

1. l-inċiżi li ġej huwa miżjud wara l-Artikolu 2, l-ewwel inċiż:

"Madanakollu, sabiex dan ir-Regolament jiġi applikat, is-sezzjoni 20 ta' l-applikazzjoni għal-liċenzja u tal-liċenzja għandha jkun fiha l-waħda mill-indikazzjonijiet segwenti:

— "Glucosa utilizado en uno o varios productos enumerados en la letra b) del apartado 1 del artículo 1 del Reglamento (CEE) n° 426/86"

— »Glucose anvendt i et eller flere af de produkter, der er naevnt i artikel 1, stk. 1, litra b), i forordning (EOEF) nr. 426/86«

— ‚Glukose, einem oder mehreren der in Artikel 1 Absatz 1 Buchstabe b) der Verordnung (EWG) Nr. 426/86 genannten Erzeugnisse zugesetzt'

— "Γλυκοζη που χρησιμοποιείται σε ένα ή περισσοτερα των προϊόντων που απαριθμούνται στο άρθρο 1 παράγραοζ 1 στοιχείο β) του κανονισμού (ΕΟΚ) αριθ. 426/86",

— "il-*glucose* użat f' wieħed jew aktar prodotti li jinsabu fil-lista ta' l-Artikolu 1(1)(b) tar-Regolament (KEE) Nru 426/86"

— "Glucose mis en oeuvre dans un ou plusieurs produits énumérés à l-Artikolu 1er paragraphe 1 point b) du règlement (CEE) n° 426/86"

— "Glucosio incorporato in uno o più prodotti di cui all'articolo 1, paragrafo 1, lettera b) del regolamento (CEE) n. 426/86"

— „Glucose, verwerkt in een of meer van de in artikel 1, lid 1, onder b), van Verordening (EEG) nr. 426/86 genoemde produkten"

— "Glicose utilizado num ou mais produtos enumerados no n° 1, alínea b), do artigo 1° do Regulamento (CEE) n° 426/86"

— 'Glukoosin tai useammassa asetuksen (ETY) N:o 426/86 1 artiklan 1 kohdan b alakohdassa luetellussa tuotteessa kaeytetty sokeri'

— 'Glukos som tillsaetts i en eller flera av produkterna i artikel 1.1 b i foerordning (EEG) nr 426/86';"

2. l-Artikolu li ġej huwa miżjud wara l-Artikolu 2:

"*L-Artikolu 2a*

L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għandhom jeżaminaw l-akkuratezza tad-dikjarazzjonijiet msemmija fl-Artikolu 14a (3) tar-Regolament (KEE) Nru 426/86 fuq kampjun ta' mill-anqas ta' 5 % magħżul fuq bażi ta' analiżi ta' riskju. Tali kontrolli għandhom jitwettqu fuq id-dokumenti dwar il-ħażna miżmuma mill-manifattur."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jiġi fis-seħħ fis-seba' jum wara li jkun ippubblikat fl- *Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

[1] OJ No L 49, tas-27.2.1986, p. 1.
[2] OJ No L 233, tat-30.9.1995, p. 69.
[3] OJ No L 150, ta' l-1.7.1995, p. 91.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-10 ta' Novembru 1995.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni